## L-Ikla tal-Mulej – Marilyn Bellizzi

### Ġwanni Kapitlu 6

Ġwanni kapitlu 6 m'għandu xejn x'jaqsam mat-twaqqif tat-tqarbin. Ix-xenarju fi Ġwanni 6 ġara wara li n-nies fittxew lil Ġesu biex jagħtihom il-ħobż materjali għax qabel kienu rawh jagħmel il-miraklu tal-ħobż.

Fi Ġwanni 6 Ġesu jqabbel lilu nnifsu mal-ħobż tal-ħajja u jgħidilna biex nieklu ġismu. Meta qalilna dan, Ġesu ma kienx qed jitkellem litteralment, iġifieri li għandna nieklu ġismu tassew iżda fuq il-kelma li tana Hu li għandna nieħdu għall-ħajja ta' dejjem. Huwa semma wkoll id-demm għax ġisem u demm Ġesu huma inseparabbli. Jekk tagħżel li timxi wara Ġesu bis-serjeta', u tisma' kliemU, ma tistax ma tixrobx demmu (li huwa xi ħaġa assoċċjat maċ-ċaħda), għax il-kelma tiegħU stess tirrigwardja sagrifiċċju biex togħġob lil Allla u mhux lilek innifsek jew lin-nies tad-dinja.

### L-aħħar ċena

L-Ikla lill-Mulej ma bdietx issir mill-aħħar ċena. Din kienet teżisti sa minn żmien it-testment il-qadim. Ġesu waqqaf it-tqarbin waqt l-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu, u din l-ikla kienet l-ikla ta' l-għid, iġifieri l-ikla li kienu jagħmlu fi żmien it-testment il-qadim bħala tifkira lill-Mulej. Imma issa din l-ikla kienet ser issib il-qofol f'Ġesu bħala l-Ħaruf t'Alla u bħalma fl-ikla ta' l-għid, kienu jfakkru l-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu, hekk issa aħna nfakkru l-ħelsien mid-dnub li jġib il-mewt. Niftakru f'dan il-paragun:

| **TESTMENT IL-QADIM** | **TESTMENT IL-GDID** |
|---|---|
| Bid-**demm tal-Ħaruf** il-poplu t'Alla ħeles mill-qerried | Bid-**demm ta' Ġesu** li huwa l-Ħaruf t'Alla, il-poplu t'Alla ħelisna mid-dnub u mix-xitan |
| Bħala **tifkira** jagħmlu ikla | Bħala **tifkira** jagħmlu ikla |
| Fiha jieklu **ħobż bla ħmira** | Fiha nieklu **ħobż bla ħmira** |
| Ma jergħux jieklu l-ħaruf jew jieħdu demmu għax din kienet **ta' darba** | Ma nerġgħux inġibu ġisem u demm Ġesu biex niekluh għax dan kien sagrifiċċju **ta' darba** |

Punti żgħar li juru li meta Ġesu waqqaf l-ewkaristija, ma kienx qed jgħidilna biex nieklu u nixorbu ġismU litteralment:

1) Ġesu qalilna "agħmlu dan b'**TIFKIRA**". It-tqarbin huwa biss tifkira ta' dak li għamel Ġesu għalina. Ma nerġgħux inġibu ġismu litteralment.
2) Ġesu ma jistax waqt it-tqarbin, jerġa' jiġi **bil-ġisem li bih ġie fid-dinja**:
   **A)** Ġesu issa għandu ġisem glorjuż u għalhekk ġismU issa mhux l-istess bħal dak li bih ġie fid-dinja meta sar bniedem bħalna.

**B)** Ġesu tana ġismu "DARBA għal dejjem" (Lhud 10:10)

3) Ġesu ma jistax jiġi waqt it-tqarbin **bil-ġisem glorjuż** li ngħata lilU wara li qam mill-mewt:

   **A)** 1 Korintin 11:26 jgħidilna li meta niċċelebraw it-tqarbin inkunu qed inħabbru mewt il-Mulej **sakemm jiġi**. Sakemm jiġi turi li għadu ma ġiex. Mela fit-tqarbin, Ġesu lanqas mhu qed jiġi preżenti fil-ħobż u l-inbid bil-ġisem glorjuż. Meta jerġa jiġi Ġesu, it-tqarbin nibdew nagħmluh flimkien miegħu fis-saltna ta' Alla u mhux f'din id-dinja. Ara Mattew 26:29.

   **B)** Ġesu ser jidher darbtejn fid-dinja (Lhud 9:28). L-ewwel darba meta miet għalina u t-tieni, fl-aħħar jum bil-ġisem glorjuż.

4) Min jemmen li Ġesu jista' jidħol fil-ħobż u fil-kalċi ikun qed imur kontra t-tieni kmandament "La tagħmilx għalik l-EBDA immaġini skolpita, jew xi immaġini ta' xi ħaġa FIS-SEMA 'l fuq, jew fl-art minn taħt, jew fl-ilma ta' taħt l-art: LA TMILX quddiemhom…"

   A. Iġifieri dan il-kmandament jgħid li jekk tinżel għarkobbtejk jew tbaxxi rasek quddiem xi xbieha inti tkun qed tikser il-kmandament t'Alla.

   B. Tagħmel l-ebda immaġini / xbieha. Xbieha tfisser meta inti tagħmel xi ħaġa li tirraprezenta xi ħaġa. Jekk il-ħobż isir ġisem Ġesu, allura dak il-ħobż qed jirrappreżenta lil Ġesu. Allura tkun qed tagħmel xbieha ta' xi ħaga fis-sema. Dan ifisser li tkun qed tikser dan il-kmandament.

   C. Jekk temmen li l-ħobż isir il-ġisem ta' Ġesu tkun qed tagħmel il-ħobż bħala idolu tiegħek. Għaliex? Idolu tfisser li tgħożż u tqim lil xi ħadd daqs li kieku kienet alla.

   Dan ifisser li jekk wieħed jemmen li l-ħobż isir il-ġisem ta' Kristu, allura jkun qed iqis il-ħobż bħala **xbieha -** għax tirrappreżenta lil xi ħadd (Ġesu), u bħala **idolu** - għax din ix-xbieha qed tiġi meqjuma u mgħożża daqs li kieku kienet alla (Ġesu Hu Alla). U x'tgħid il-Bibbja fuq dan?

   Dewteronomju 4:23 "ħarsu lilkom infuskom li ma tinsewx il-għaqda tal-Mulej, Alla tagħkom, li għamel magħkom, u tagħmlu għalikom xi immaġini (xbieha) skolpita, JEW XI SURA TA' XI ĦAĠA, li l-<u>Mulej Alla tiegħek ordnalek biex ma tagħmilx</u>."

5) M'hemm imkien fil-Bibbja fejn juri li waqt it-tqarbin, il-ħobż **<u>isir</u>** ġisem Ġesu.

6) Li tieħu xi ħaġa li fiha d-demm, hija pprojbita fil-Bibbja. Għalhekk, Ġesu ma seta' qatt jinkoraġixxi biex nixorbu demmU litteralment għax ikun qed jikkontradixxi l-Iskrittura li hija Kelmtu stess.

Ġesu huwa preżenti b'mod reali tul ħajjitna kollha spiritwalment u mhux waqt it-tqarbin biss. 1 Pietru 3:18 "Kristu… maqtul fil-ġisem, imma mqajjem għall-ħajja fl-ISPIRTU".

**<u>Ir-Rabta l-Ġdida – il-Patt il-Ġdid</u>**

Ir-rabta l-ġdida li semma Ġesu mhix dik li sseħħ biss permezz tat-tqarbin. Il-kelma "ġdida" turi li r-rabta li fuqha kien qed jitkellem Ġesu, kienet rabta li kienu għadhom qatt ma esperjenzawha. Din hija r-rabta li għamel Ġesu magħna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Infatti naraw li wara li Ġesu deher lill-appostli, Hu qalilhom li l-wegħda/patt kien għadu ma seħħx (Luqa 24:49) għax hu kien għadu ma bagħatx l-Ispirtu s-Santu. U biex inkomplu nikkonfermaw li r-rabta li semma Ġesu mhix permezz tat-tqarbin, fl-istess kapitlu ta' Luqa naraw li qabel ma qalilhom li l-wegħda għadha ma seħħitx, huma kienu qed jieħdu sehem mill-ikla tal-Mulej (ara vers 30). Kieku r-rabta

kienet pemezz ta' l-ikla tal-Mulej li kienu qed jieħdu sehem minnha diġa, kieku ma kienx jgħidilhom li l-wegħda tar-rabta l-ġdida ħadha ma seħħitx.

Huwa permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li Ġesu issa qed jiġi fina. Ara Ġwanni 13:20. Meta nemmnu f'Ġesu u fil-Kelma tiegħU, nemmnu li Hu biss jista' jsalvana, u nkunu lesti li nagħtu ħajjitna għaliH anke jekk ikollna niċċaħdu, aħna hemmhekk niksbu l-ħajja ta' dejjem. Dan hu dak li Ġesu ried ifisser meta lil Nikodemu fi Ġwanni kapitlu 3 qallu "Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna ta' Alla." (Vers 3), iġifieri bniedem ikun salvat meta f'ħajtu jiddeċiedi li ser jibda jgħix għal Alla. Hemm jerġa' jitwieled mill-ġdid (mill-Ispirtu) għax ikun ser jibda ħajja ġdida.

Meta aħna naslu nieħdu din id-deċizjoni f'ħajjitna u nistqarru dan, Ġesu jonfoħ fina mill-Ispirtu tiegħU (li Hu l-Ispirtu s-Santu) bħalma nefaħ fuq l-appostli fi Ġwanni 20:22 biex Hu jkun magħna dejjem biex ngħixu ħajja tajba u kif togħġob lilU ħalli niksbu l-ħajja ta' dejjem. Din hija r-rabta l-ġdida li Ġesu għamel magħna.

**<u>L-importanza tat-Tqarbin</u>**

Huwa importanti li nieħdu sehem fit-tqarbin għax:

1) Inkunu maqgħudin flimkien mal-knisja li hija l-ġisem ta' Kristu. Għalhekk il-knisja ta' Ġesu għandha tkun mibnija **biss** fuq Ġesu għax hi ġismu. Aħna l-membri, u Kristu r-ras tal-ġisem.
2) Inkunu f'għaqda ma' dak li għamel Ġesu għalina.
3) Inkunu qed niccelebraw il-ħelsien mill-mewt ta' dejjem permezz ta' Ġesu.
4) Inkunu qed inħabbru u nistennew it-tieni miġja tal-Mulej. Għalhekk inkunu ukoll qed nuru li nemmnu dak li hemm miktub fl-Iskrittura.
5) Fuq kollox, inkunu qed nagħmlu r-rieda ta' Ġesu u nkunu ubbidjenti għall-kliemU għax Hu qalilna "agħmlu dan" ***imma*** " ***<u>b'TIFKIRA</u>*** tiegħi"